MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Numru 66/2000

Il-Pulizija
(Spettur John Sacco)
vs
Jason Spiteri u Shamous Cutajar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija Jason Spiteri detentur tal-karta tal-idenita Nru 39076(M) u Shamous Cutajar detentur tal-karta tal-identita Nru 617282(M), li permezz taghhom gew akkuzati :

Talli fis-26 ta’ Novembru, 1999, ghall-habta tad-9.30p.m. f’Tas-Sliema ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni JAT 956 ghall-valur ta’ aktar minn mitt lira Maltin (LM100), izda anqas minn (LM1,000) elf lira Maltin, ghad-dannu ta’ Martina

Debono minn tas-Sliema, u liema serq huwa ikkwalfikat bil-valur u bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement, laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

U lil Jason Spiteri wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura JAT 956 tal-ghamla Ford Escort minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda);

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura minghajr ma hu kien kopert b'polza tas-sigurta jew garanziji dwar ir-riskji ghat-terzi persuni;

U aktar talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta' Ottubru 1997, fejn hu kien instab hati li kkommetta reat u gie ikkundannat ghall-sentejn prigunerija sospiza ghall-erba' snin;

U aktar talli sar recidiv permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Ottubru, 1997, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Lil Shamous Cutajar wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura HAA 487 tal-ghamla Ford Escort minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

U aktar talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet illicenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda);

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna li l-istess Shamous Cutajar jigi skwalifikat milli

jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ mhux anqas minn tnax il-xahar;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, u dan skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dan waqt is-seduta tad-19 ta’ Settembru, 2002.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja taz-zewg imputati fuq imsemmija issib lill-istess zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom u dana wara li l-Qorti rat fil-konfront tal-imputat Jason Spiteri l-Artikoli 261(c), 261(f), 261(g), 267, 270, 271, 279, 280, 281 tal-Kap. 9, l-Artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65 u l-Artikoli 2, 2(a) u 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 28B tal-Kap. 9, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9. Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat Jason Spiteri mit-tieni imputazzjoni biss, dik ta’ ricettazzjoni u dana peress illi una volta irrizulta s-serq dan ir-reat minnu innifsu jeskludi r-reat ta’ ricettazzjoni. Il-Qorti rat fil-konfront tal-imputat Shamous Cutajar l-Artikoli 261(c), 261(f), 261(g), 267, 270, 271, 279, 280, 281 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65 u l-Artikoli 2, 2(a) u 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti rat ukoll u dan fil-konfront taz-zewg imputati fuq imsemmija l-Artikolu 533 tal-Kap. 9. Il-Qorti qeghda ukoll tillibera lill-imputat Shamous Cutajar mit-tieni imputazzjoni biss, dik ta’ ricettazzjoni u dana

peress illi una volta li irrizulta ir-reat ta’ serq dan ir-reat jeskludi r-reat ta’ ricettazzjoni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt, u dana fil-konfront tal-imputat Shamous Cutajar, illi dan l-imputat kien minorenni meta gew kommessi minnu r-reati in kwistjoni, ikkunsidrat ukoll il-fatt illi ghandu fedina penali netta u illi irregistra ammissjoni. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikoli 37 u 31 tal-Kap. 9 tikkundana lill-imputat Shamous Cutajar ghall-ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira (LM25) tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar mil-lum, u filwaqt illi tilliberah taghmel dan bil-kundizzjoni li huwa ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Illi fil-konfront tal-imputat Jason Spiteri, filwaqt illi huwa minnu li dan l-imputat irregistra ammissjoni dana la kien minorrenni meta gew kommessi minnu r-reati in kwistjoni u lanqas ma ghandu fedina penali netta. Ma dana kollu l-Qorti rat il-pre-sentencing inquiry report imhejji minn Marianne Zammit fuq inkarigu ta’ din il-Qorti minn fejn irrizulta illi l-imputat Jason Spiteri ghandu impieg fis u ghandu siehba regolari, igib hafna rispett lill-genituri tieghu u jinsab kuntent hafna fl-impieg illi ghandu u ghandu hafna appogg mill-familja tieghu u ma ghandux vizzji ta’ alcohol jew droga.

Illi jidher illi l-vulnerabbilita fil-karattru hija biss fejn jidhlu l-hbieb.

Illi irrizulta wkoll illi l-imputat Jason Spiteri qieghed jahdem bi shih sabiex jirranga hajtu.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma tqisx illi ghandha tordna illi s-sentenza sospiza imsemmija fl-imputazzjoni ghandha tibda isehh u tara li jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll u specjalment ghas-socjeta’ in generali illi l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jibqa miexi fit-triq it-tajba li jidher illi qabad. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 u precizament is-subartikolu (2) paragrafu (b) hija qeghda tvarja l-ordni originali moghtija

mill-Qorti tal-Magistrati Malta fl-14 ta’ Ottubru, 1997 billi tissostitwixxi l-perjodu operattiv ta’ dik is-sentenza sospiza f’perjodu iehor ta’ erba’ snin illi ghandu jibda jghaddi mil-lum.

Illi ghall-istess ragunijiet il-Qorti mhijiex ser titratta ma dan l-imputat Jason Spiteri bhala li huwa recidiv.

Il-Qorti in oltre tikkundanna lil Jason Spiteri ghall-multa ta’ mitejn u hamsin lira (LM250) u tordna illi ghandu jigi skwalifikat milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati Jason Spiteri bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza, liema perjodu operattiv huwa ta’ erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat ukoll lill-imputat Shamous Cutajar bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni.

Filwaqt illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tordna liz-zewg imputati fuq imsemmija, misjuba hatja kif diga intqal, sabiex fi zmien xahar minn meta jigu hekk interpellati biex jaghmlu mir-Registratur tal-Qorti, ihallsu l-ispejjez kollha li kellhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti f’dan il-kaz.

(ft) Rita Mangion
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur